

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Agenzia delle Entrate

Konvenuta: Nuova Invincibile

Dispożittiv

L-Artikoli 2 u 22 tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 9(17) tal-Liġi Nru 289, tas-27 ta' Diċembru 2002, li tinkludi dispożizzjonijiet għat-tfassil tal-bagħit annwali u multiannwali tal-Istat (Liġi tal-Finanzi għall-2003), li tipprevedi, fid-dawl ta' terremot li kien laqat il-provinċji ta' Catania, ta' Ragusa u ta' Siracusa, għall-benefiċċju tal-persuni milquta minnu, tnaqqis ta' 90 % tat-taxxa fuq il-valur miżjud li normalment għandha titħallas għas-snin 1990 sa 1992, b'mod partikolari billi tagħti dritt għal rimbors, f'dan il-proporzjon, tal-ammonti digħi mħallsa skont it-taxxa fuq il-valur miżjud, sa fejn din id-dispożizzjoni ma tikkorrispondix mar-rekwiżiti tal-prinċipju ta' newtralità fiskali, u ma tippermettix li jiġi żgurat li t-taxxa fuq il-valur miżjud li għandha titħallas fit-territorju Taljan tinġabar kollha.

⁽¹⁾ ĠU C 142, 12.5.2014.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-14 ta' Lulju 2015 – Forigital Italy SpA vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-84/14 P)⁽¹⁾

(Appell — Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Rikors għal annullament — Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE — Dritt għal azzjoni legali — Locus standi — Persuni fiziċċi jew ġuridiċi — Att regolatorju li jinkludi miżuri ta' implementazzjoni — Regoli doganali li jemendaw il-kundizzjonijiet ta' sospensjoni tariffarja — Possibbiltà li titressaq azzjoni legali quddiem il-qrati nazzjonali)

(2015/C 320/05)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Appellant: Forigital Italy SpA (rappreżentanti: V. Turinetti di Priero u R. Mastroianni, avukati)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Florindo Gijón u K. Pellinghelli, aġenti), Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Caeiros u D. Recchia, aġenti)

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Forigital Italy SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 129, 28.4.2014.